# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu, 2020**

**Talba Nru: 476/2018PM1**

**Pharma MT Limited (C42603)**

**V.**

**Keith Scerri u permezz ta' digriet datat 26 t'April, 2019 it-Tribunal ordna s-sejha fil-kawza tas-socjeta` Health Plaza O.C. Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 t' Ottubru, 2018 illi permezz tieghu l-atturi talbu li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, it-

Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa debitur favur il-kumpannija attrici fis-somma ta' elfejn, mitejn u hamsa u disghin euro u disghin centezmi (€2295.90) rapprezentanti ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq inkarigu tieghu stess u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici l-imsemmija somma bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess talba senjatament fatturi, ittra ufficjali u risposta relattiva.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' Patrick Nicholl waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Patrick Nicholl u ta' Daniela Micallef waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 14 ta' Novembru, 2018 li permezz taghha gie eccepit:

1 Illi l-konvenut Keith Scerri qatt ma talab fuq l-inkarigu tieghu stess lill-kumpanija attrici sabiex tbieghlu jew tikkonsenjalu xi merkanzija

2. Illi l-konvenut ma huwiex id-debitur lejn il-kumpannija attrici u dan kif ser jirrizulta matul is-smiegh ta' dawn il-proceduri.

Sema' x-xhieda ta' Keith Scerri waqt is-seduta tal-11 ta' Frar, 2019.

Ra li b'digriet datat 26 t'April, 2019 it-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta` attrici ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` Health Plaza O.C. Limited.

Ra r-risposta tal-istess socjeta` kjamata in kawza u li permezz taghha gie eccepit illi:

1. L-ammont mitlub m'huwiex dovut minhabba (li) dan jikkonsisti f'returns ta' merkanzija lill-kumpannija attrici u dan skont kif ser jigi indikat fil-mori ta' din il-kawza
2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, din it-talba hija preskritta u dan skont l-art. 2148(b) tal-Kodici Civili Kap. 16.

Sema' x-xhieda ta' Caroline Scerri u ta' Daniela Micallef u ra d-dokumenti ezebiti mill-istess xhieda waqt is-seduta tal-21 t'Ottubru, 2019.

Ra n-nota tas-socjeta` kjamata in kawza datata 29 t'Ottubru, 2019 u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda ta' Caroline Scerri waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti mill-istess xhud waqt tali seduta.

Kompla jisma' x-xhieda ta' Caroline Scerri waqt is-seduta tas-26 ta' Frar, 2020.

Ra li waqt tali seduta l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu u trattaw il-kaz.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza finali ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-azzjoni odjerna tikkoncerna talba ghall-hlas ta' prezz ta' merkanzija allegatament ikkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta` attrici. Filwaqt li l-konvenut eccepixxa li huwa ma wettaq ebda negozju f'ismu ma' u lanqas m'huwa debitur tas-socjeta` attrici, permezz ta' digriet datat 26 t'April, 2019 it-Tribunal laqa' t-talba ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta kjamata in kawza. Is-socjeta` kjamata in kawza wiegbet billi ressqet zewg eccezzjonijiet u cioe` illi kien hemm ftehim mas-socjeta` kjamata in kawza li l-ammont mitlub jittiehed f'*returns* ta' merkanzija u li t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-art. 2148(b) tal-**Kodici Civili**.

Illi fir-rigward tal-konvenut jinghad li jinsab ampjament pruvat illi l-konvenut f'ismu qatt ma kkonkluda negozju mas-socjeta` attrici u dana anke tramite korrispondenza li saret bejn Patrick Nichol ghas-socjeta` attrici u Caroline Scerri ghas-socjeta` kjamata in kawza (Dok. CS3 a fol. 103 tal-process). Jidher ukoll li l-fatturi ezebiti mis-socjeta` attrici u annessi mal-avviz tat-taba jinsabu indirizzati lil Healthplus on Campus u kienet biss l-ittra ufficjali li giet eventwalment mibghuta lill-konvenut. Tenut kont tax-xhieda tal-partijiet, il-korrispondenza surreferita li wasslet ghan-noegozju mertu tal-kawza u anke tal-pagament imwettaq mis-socjeta` kjamata in kawza u accettat mis-socjeta` attrici it-Tribunal huwa konvint li l-konvenut m'huwiex il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici tenut kont li n-negozju kien sar

mas-socjeta` kjamata in kawza li hija s-socjeta` li effettivament tiggestixxi l-hanut li jinsab fil-Campus tal-Universita`. Ir-rwol tal-konvenut bhala direttur ta' tali kumpannija ma jwassalx li, f'dan l-istadju, jigi meqjus personalment responsabbli ghad-djun tal-kumpanija amministrata minnu. Ghaldaqstant it-Tribunal ser jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez tieghu jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` kjamata in kawza, fl-ewwel lok jehtieg li jigi determinat jekk l-art. 2148(b) tal-**Kodici Civili** (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huwiex l-artikolu applikabbli ghall-kaz in ezami. F'dan ir-rigward, matul it-trattazzjoni taghha, l-avukata tas-socjeta` attrici ikkontendiet illi l-artikolu applikabbli *se mai* m'huwiex dak indikat mis-socjeta` kjamata in kawza imma l-art. 2156(f) tal-**Kodici Civili** li jipprovdi ghall-preskrizzjoni kwinkwennali fir-rigward tal-bejgh bl-ingrossa. F'dan ir-rigward jinsab diga` deciz minn dan it-Tribunal kif presjedut li l-art. 2148(b) tal-**Kodici Civili** m'huwiex l-artikolu applikabbli meta l-merkanzija konsenjata tkun intiza ghar-rivendata (**Joseph Caruana and Company Limited v. Christopher Borg et** deciza fil-4 ta' Marzu, 2019 u konfermata mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) permezz tas-sentenza datata 8 ta' Novembru, 2019; hekk ukoll fil-fatt jinsab deciz minn dan it-Tribunal (kif diversament presjedut) fit-12 t'April, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Aplan Limited v. 3 You Design Limited).**

Illi avut rigward ghas-surreferit u wkoll ghal dak li rrizulta mill-provi prodotti miz-zewg partijiet, senjatament illi n-negozju bejn il-partijiet kien wiehed ghall-bejgh bl-ingrossa u cioe` ta' merkanzija intiza ghar-rivendita mis-

socjeta` kjamata in kawza mill-hanut taghha fil-campus tal-Universita` (ara f'dan is-sens *email* datata 16 ta' Mejju, 2016 Dok. CS3 a fol. 103 tal-process), it-Tribunal isib li t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-kaz in ezami m'huwiex dak ta' tmintax-il xahar skont l-art. 2148(b) tal-**Kodici Civili** citat mis-socjeta` kjamata in kawza u kwindi tali eccezzjoni preliminari ser tigi michuda.

Illi fit-tieni lok jehtieg li jigi determinat jekk huwiex minnu li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet fis-sens illi l-merkanzija kienet qed tig ikkunsinjata lis-socjeta` kjamata in kawza minghajr ebda impenn da parti ta' din tal-ahhar sabiex thallas xi prezz ghal dik il-merkanzija li tibqa' mhux mibjugha. Fil-fatt Caroline Scerri xehdet li, skont ftehim milhuq bejn il-partijiet, is-socjeta` kjamata in kawza thallas biss ghal dawk il-prodotti mibjughin minnha filwaqt li s-socjeta` attrici tiehu lura l-bqija tal-merkanzija (ara f'dan is-sens xhieda moghtija minnha waqt is-seduta tal-21 t'Ottubru, 2019). Hija tikkontendi wkoll li gjaladabra il-merkanzija mertu ta' din l-azzjoni baqghet mhux mibjugha u kwindi a disposizzjoni tas-socjeta` attrici hija m'ghandhiex tigi tenuta thallas ebda ammont. Tali verzjoni tinsab michuda mis-socjeta` attrici li tikkontendi li ma kien hemm ebda ftehim f'dan is-sens bejn il-partijiet u meta s-socjeta` attrici gabret merkanzija minghand is-socjeta` kjamata in kawza dan ghamlitu fil-limiti tad-diskrezzjoni u buona volonta` taghha minghajr ebda rinunzja ta' drittijiet.

Illi wara li t-Tribunal fela bir-reqqa l-atti ta' din il-kawza, jista' biss jikkonkludi li ma gie pruvat li kien hemm ebda ftehim da parti tas-socjeta` attrici li tirrinunzja ghad-dritt taghha ghall-hlas ghall-merkanzija kunsinnata

minnha f'kaz illi tali merkanzija ma tigix mibjugha mis-socjeta` kjamata in kawza. Jibda' sabiex jinghad li sa mill-bidu nett tan-negozju ta' bejniethom is-socjeta` attrici kienet fissret lir-rapprezentanti tas-socjeta` kjamata in kawza li ghalkemm "*old stock will be counted and collected and credited by Pharma MT as a 1 time gesture* (...) *returns are not possible*" (ara f'dan is-sens *email* datata 16 ta' Mejju, 2016 a fol. 103 tal-process). Perdipiu`, kif gustament nutat mis-socjeta` attrici, l-istess ricevuti ghall-kunsinni jindikaw bl-iktar mod car li "*All boxes are delivered sealed.* (...) *No returns.*" u ghalkemm jinghad ukoll '*SVR Sun Products are strictly no return*' dan ma jwassalx ghar-rinunzja tad-dritt tal-attrici li ma taccettax merkanzija ritornata u kwindi tezigi hlas anke ghal merkanzija ohra mhux mibjugha. Tali korrispondenza tichad kategorikament il-verzjoni moghtija minn Caroline Scerri li "*l-arrangament li kelli jiena mas-socjeta` attrici kien differenti fis-sens li* (...) *kienu jiehdu returns meta huma kienu jaraw xi prodotti li ma kienux gew mibjughin*" (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 t'Ottubru, 2019). Jekk imbaghad kien hemm ir-rieda tal-partijiet illi jbiddlu xi aspett minn tali negozju kif espressament pattwit bil-kitba bejniethom, huwa car li tali bidla kella tigi ifformalizzata wkoll bil-kitba u dana sabiex jigu evitati disgwidi f'dan ir-rigward. Kjarament dan ma sarx. Madanakollu hija l-istess Scerri li tiddikjara li l-ftehim bejn il-partijiet kien sa mill-bidu nett fis-sens illi s-socjeta` attrici taccetta li merkanzija mhux mibjugha tigi ritornata lilha imma, kif inghad, mhux talli xejn mill-atti ma jikkonferma tali ftehim, tali provi kollha prodotti huma fis-sens li s-socjeta` attrici sa mill-bidu nett riedet izzomm ferm id-dritt taghha illi ma taccettax merkanzija ritornata u titlob hlas anke fir-rigward ta' dik il-merkanzija mhux mibjugha.

Illi a sostenn tat-tezi taghha l-kjamata in kawza tipprova targumenta wkoll li l-ahhar pagament sar minnha ghas-saldu u f'dan ir-rigward tirreferi ghac-cekk datat 9 ta' Novembru, 2017 li jinkludi, fuq il-parti ta' wara tieghu il-kliem, "*in full and final settlement*" (fol. 105 tal-process). Mandanakollu lanqas dan l-argument ma jista' jigi prosegwit b'success. Jibda' sabiex jinghad li ma tressqet ebda eccezzjoni mis-socjeta` kjamata in kawza fis-sens illi kien sar pagament minnha ghas-saldu tal-pretensjoni attrici. F'dan ir-rigward jinsab deciz li:

> "*Il-ġurisprudenza tgħallem li:*
>
> *'Kif taraha din il-Qorti, f' każ fejn id-debitur ma jkunx ħallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista', għal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti* ***jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi deżunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament****. Rinunzja din, li kif enunċjat f' bosta sentenzi, trid tkun waħda ċara u univoka b' mod li mill-fatti ma tkunx tista' tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "***Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950'.*
>
> ...
>
> *Hekk fis-sentenza "***Johann Schembri proprio et nomine -vs- Charlot Mifsud nomine***", Appell mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, 19 ta' Ottubru, 2005, din il-Qorti kif presjeduta,*

> *irravvisat illi, għalkemm in linea ta' massima hu preżunt li min jaċċetta cheque lilu mibgħut fit-termini "full and final settlement", u jgħaddi biex isarrfu, jiġi li aċċetta dak il-ħlas f'dawk l-istess termini preċiżi, eppure, jekk jiġi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b' dik il-modalitá, l-aċċettazzjoni minnu ta' dak ic-cheque u s-sussegwenti tisrif tieghu ma kellux, imbagħad, jiġi rinfaċċjat lilu bħala xi abdikazzjoni tad-dritt tiegħu għal ħlas tal-bilanċ dovut;* ». (**Vella Group Limited Vs George Grech et. deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Inferjuri) permezz tas-sentenza datata** 30 ta' Mejju, 2017).

It-Tribunal isib li dak surreferit japplika wkoll fil-kaz in ezami. Hawn ukoll mhux biss ma tressqet ebda eccezzjoni f'dan is-sens mill-konvenut jew mis-socjeta` kjamata in kawza imma wkoll, jekk wiehed kellu jikkunsidra tali difiza fil-kuntest tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` kjamata in kawza, ma tressqet ebda prova li tindika l-volonta` cara u preciza da parti tas-socjeta` attrici li tirrinunzja ghad-drittijiet taghha fir-rigward tal-bilanc mitlub permezz ta' din il-kawza. Il-Qrati Taghna fil-fatt dejjem sostnew il-posizzjoni li r-rinunzja tad-dritt ghandha tirrizulta b'mod car u inekwivoku u kwindi inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt (**Anthony Sammut U L-Avukat Anthony Farrugia Vs Avukat Tonio Azzopardi** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 1993 fost diversi ohrajn). Hawn ukoll, il-provi jeskludu din il-verzjoni u dana billi rrizulta li anke wara l-accettazzjoni ta' tali cekk is-socjeta` attrici mhux biss baqghet titlob il-hlas spettanti lilha

imma wkoll harget *reminders* f'tali rigward u heddedt sahansitra proceduri gudizzjarji fin-nuqqas ta' pagament (ara f'dan is-sens Dok. 'A' konsistenti minn *emails* datati rispettivament 10 ta' Jannar, 2018 u 12 ta' Jannar, 2018). Agir ta' dan it-tip da parti tas-socjeta` attrici jeskludi kwalunkwe accettazzjoni da parti taghha tal-hlas ghas-saldu. Aktar minn hekk, jekk tassew kien intlahaq ftehim illi l-merkanzija tigi ritornata minghajr ebda obbligu ta' hlas, is-socjeta` kjamata in kawza ma kienx ikollha ghalfejn tinkludi fic-cekk il-kliem 'in full and final settlement' u dana ghaliex, jekk tassew dak kien il-ftehim milhuq, is-socjeta` attrici kien ghad ghandha d-dritt illi tigbor il-merkanzija mhux mibjugha. Anke fl-istadju ta' dawn il-proceduri ma jidhirx li din il-merkanzija giet depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti jew sar xi tentattiv sabiex l-attrici tigi sfurzata tiehu lura din i-merkanzija in adempiment ma' dak li gie maqbul bejn il-partijiet skont kif allegat minn Scerri imma, minflok, tali merkanzija nzammet mis-socjeta` kjamata in kawza stess. Ghat-Tribunal dan kollu huwa indikattiv tal-fatt li l-ftehim bejn il-partijiet kien certament dak indikat u maqbul bil-kitba bejniethom kif hawn fuq riportat u li certament, anke jekk kien hemm xi ritorn ta' merkanzija li gie accettat mis-socjeta` attrici dana certament m'huwiex sufficjenti sabiex ivarja dak maqbul jew sabiex iwassal ghar-rinunzja tad-drittijiet taghha ghall-hlas spettanti lilha.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u wkoll l-eccezzjoni fil-mertu kif imressqin mis-socjeta` kjamata in kawza u kwindi jilqa' t-talba

attrici u jikkundanna lill-kjamata in kawza sabiex thallas is-somma mitluba ta' elfejn, mitejn u hamsa u disghin euro u disghin centezmi (€2295.90) rapprezentanti prezz ta' merkanzija bl-imghax legali kontra s-socjeta` kjamata in kawza. Is-socjeta` attrici ghandha tissaporti l-ispejjez tal-konvenut filwaqt li l-bqija tal-ispejjez jigu sopportati interament mis-socjeta` kjamata in kawza.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**